# Speċi protetti jbatu l-konsegwenzi tal-ewwel ġimgħa tal-kaċċa fir-rebbiegħa

## Tmien każi magħrufa ta' għasafar protetti li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali mill-ftuħ tal-istaġun, ħamsa minnhom fi tmiem il-ġimgħa biss

Minn tajr tal-priża midrub bħal Bagħdan Aħmar u Spanjulett sa għasafar iżgħar milquta bħal Rundun, Ħuttafa u Daqquq tat-Toppu, dan huwa l-bilanċ tal-ewwel ġimgħa tal-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa għal din is-sena li matulha diġà spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali diversi speċi protetti. Bl-ammont ta' każi li nafu bihom ta' għasafar li tniżżlu mill-kaċċaturi mill-ftuħ tal-istaġun nhar is-Sibt 25 ta' Marzu sal-lum ilaħħaq total ta' tmienja.

Fil-każi kollha fejn intalbet l-assistenza ta' BirdLife Malta, l-għasafar kienu ċertifikati li qed isofru minn feriti kkawżati minn tiri ta' senter, b'erbgħa minnhom imutu. Aktar minn nofs il-każi seħħew tul tmiem il-ġimgħa li għaddiet, fi spazju ta' jumejn biss, bl-għasafar midruba jinġabru minn partijiet differenti ta' Malta u Għawdex.

Huwa ċar minn dak li ġara din il-ġimgħa li sena wara l-oħra l-istaġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa qed ikunu abbużati, b'tajr protett jispiċċa b'mod indiskriminat u illegali fil-mira tal-kaċċa u jinqatel. Għal darba oħra l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena qed iservi bħala paraventu għal dawk li jisparaw fuq l-għasafar protetti mingħajr l-ebda, jew ftit li xejn, sinjali ta' infurzar. Fid-dawl ta' dan, BirdLife Malta qiegħda għal darba oħra ssejjaħ lill-Gvern biex jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa 2017 b'effett immedjat.

Il-bilanċ tal-ewwel ġimgħa ta' illegalitajiet huwa dan: tliet Bagħdan Ħomor, Spanjulett, Ħuttafa, Rundun u żewġ Daqquq tat-Toppu – kollha miġburin mill-pubbliku. Din li ġejja hija lista kronoloġika tal-għasafar feruti li nġabru minn BirdLife Malta tul l-aħħar tmint ijiem:

(i) **Il-Ħadd 26/03/2017** (It-2 jum tal-istaġun). **Bagħdan Aħmar** midrub jinstab minn membru tal-pubbliku fl-għalqa tiegħu f'Selmun. It-tajra tal-priża ttieħdet għand il-veterinarju li ċċertifikat li spiċċat fil-mira ta' kaċċa illegali u li kienet qed issofri minn ġrieħi fil-ġewnaħ tal-lemin.

(ii) **It-Tlieta 28/03/2017** (Ir-4 jum tal-istaġun). **Spanjulett** midrub irkuprat mill-pulizija.

(iii) **Il-Ħamis 30/03/2017** (Is-6 jum tal-istaġun). **Rundun** mejjet jinstab fl-inħawi tal-Irdum tal-Madonna fl-Aħrax tal-Mellieħa. L-għasfur ittieħed għand il-veterinarju li ċċertifikat li tniżżel b'tiri ta' senter.

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

(iv) **Is-Sibt 01/04/2017** (It-8 jum tal-istaġun, filgħodu). **Daqquqa tat-Toppu** midruba tinġabar minn grupp ta' ċiklisti fl-inħawi tas-Salib tal-Għolja. L-għasfur miet ftit sigħat wara kaġun tal-feriti gravi li kellu.

(v) **Is-Sibt 01/04/2017** (It-8 jum tal-istaġun, waranofsinhar). **Bagħdan Aħmar** jispiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali f'wied f'Ħal Qormi. L-għasfur midrub jinġabar minn nies li kienu qed jimxu fl-inħawi u l-veterinarju tikkonferma li kellu tiri ta' senter.

(vi) **Is-Sibt 01/04/2017** (It-8 jum tal-istaġun, waranofsinhar). **Bagħdan Aħmar** jispiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali fit-triq prinċipali tal-Għasri f'Għawdex u jiġi mgħoddi f'idejn il-pulizija fl-Għassa tar-Rabat. L-għasfur miet ftit sigħat wara minħabba l-feriti gravi li kellu.

(vii) **Il-Ħadd 02/04/2017** (Id-9 jum tal-istaġun). **Daqquqa tat-Toppu** oħra tinqatel fis-Siġġiewi. L-għasfur miet ftit sigħat wara li nġabar minn bidwi.

(viii) **Il-Ħadd 02/04/2017** (Id-9 jum tal-istaġun). **Ħuttafa** wkoll tispiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali, din id-darba fil-Marsa. L-għasfur instab b'ġewnaħ minnhom nofsu mtajjar.

Il-fatt li dawn l-għasafar midruba kollha nġabru minn lokalitajiet differenti madwar Malta u Għawdex jindika b'mod ċar li l-illegalitajiet tul dan l-istaġun huma mifruxin madwar il-Gżejjer Maltin. Wieħed irid jiftakar li dawn l-għasafar midruba jirrappreżentaw biss ammont żgħir mill-kaċċa illegali li qed isseħħ bħalissa fil-kampanja.

F'kummenti dwar l-ewwel ġimgħa ta' dan l-istaġun, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana saħaq: "Hu għalhekk li BirdLife Malta qed terġa' tappella lill-Prim Ministru biex jagħlaq b'seħħ immedjat l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa biex ikunu mħarsa l-għasafar tal-passa li bħalissa jkunu fi triqithom biex ibejtu fl-Ewropa. Dan ikun fl-istess linja tal-wegħda ta' tolleranza zero li għamel il-Prim Ministru nnifsu wara r-referendum ta' April 2015. F'dik l-istess sena, il-Prim Ministru kien ħa d-deċiżjoni kuraġġjuża li jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa meta Spanjulett ferut kien spiċċa fil-bitħa tal-Kulleġġ St Edward fil-Kottonera".

BirdLife Malta tixtieq trodd ħajr lill-pubbliku talli qed jirrapporta każi ta' kaċċa illegali u għasafar feruti. Inħeġġu lil kull min jiltaqa' ma' xi każ ta' kaċċa illegali biex jirrapportah mill-ewwel ħalli tkun tista' tittieħed azzjoni mill-aktar fis. Każi ta' ksur tal-liġi u ta' għasafar feruti jistgħu jiġu rrappurtati lill-pulizija fuq 119 u lil BirdLife Malta billi wieħed iċempel fuq 2134 7645/6 fil-ħinijiet tal-uffiċċju jew fuq il-*hotline* 7925 5697 filgħaxijiet u tul tmiem il-ġimgħa.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/piax6wsAHM** (Ritratti ta' BirdLife Malta)

1. L-erba' għasafar maqtula – żewġ Daqquq tat-Toppu, Bagħdan Aħmar u Rundun
2. Il-Bagħdan Aħmar milqut li ġie rkuprat minn għalqa f'Selmun fit-tieni jum tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa
3. Il-Bagħdan Aħmar ikruprat minn Ħal Qormi
4. Il-Ħuttafa miġbura mill-Marsa

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/IFPNjRCGmi**

1. Filmati tal-ewwel każ li nafu bih ta' Bagħdan Aħmar li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali f'dan l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, u li ġie rkuprat minn Selmun (Filmati ta' Nicholas Barbara, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna